Nru. 639

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-fdalijiet li ġejjin, jiġifieri:–

RADDI, OQBRA PUNIKO-RUMANI U KANALI TA' IRRIGAZZJONI ANTIKI
BIEB IR-RUWA, BAĦRIJA
limiti tar-RABAT
(MALTA)

(ara l-pjanta f'paġna 6026) jistgħu jkunu ta' valur storiku u arkeoloġiku ħekk li għandhom ikunu nklużi fil-lista ta'

No. 639

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

The Planning Authority believes that the following features, namely:–

CART-RUTS, PUNICO-ROMAN TOMBS AND ANCIENT AGRICULTURAL IRRIGATION CHANNELS AT
BIEB IR-RUWA, BAĦRIJA
limits of RABAT (MALTA)

(see site plan on page 6026) could be of archaeological value such that it should be listed as Scheduled Property in

Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-fdalijiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'din tohrog Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-fdalijiet imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Ir-raddi, oqbra Puniko-Rumani u kanali ta' l-irrigazzjoni antiki, f'Bieb ir-Ruwa, il-Baħrija, limiti tar-Rabat (Malta), (kif murija fil-pjanta f'paġna 6026), għandhom jitqiesu bħala fdalijiet arkeoloġici ta' Klassi B, skond il-*Policy ARC 2* tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valuri arkeoloġiċi tagħhom.

(ii) L-ebda tneħħija, ħsara, tibdil jew żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta' l-imsemmija fdalijiet sakemm ma jingħatax permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

(iii) L-ebda skavi ma jistgħu jsiru fl-oqbra li jinsabu fil-proprjetà qabel ma jinkiseb permess mid-Dipartiment tal-Mużewijiet u l-investigazzjonijiet għandhom isiru skond il-provvidimenti ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet.

(iv) Dawk il-partijiet tal-ħajt li jdawwar il-proprjetà li nbnew mingħajr permess, jew b'mod mhux konformi mal-permess approvat, għandhom jiġu mneħħija għas-spejjeż tas-sid. F'każ li jingħata permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar biex jinbena ħajt ġdid madwar il-proprjetà dan għandu jinbena skond il-metodu u l-użu ta' materjal tradizzjonali tas-sejjieħ.

(v) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-fdalijiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta'din l-Ordni.

Jekk il-fdalijiet jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta'din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged, destroyed or covered.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The cart-ruts, Punico-Roman tombs and ancient agricultural irrigation channels at Bieb ir-Ruwa, Baħrija l/o Rabat (Malta), (see site plan on page 6026), are to be considered as Class B archaeological features as per Structure Plan Policy ARC 2, by virtue of their archaeological significance.

(ii) The destruction, infliction of damage or the dumping of material over the said archaeological features in the property is prohibited unless a permit is obtaind from the Planning Authority in consultation with the Museums Department.


(iii) No excavation of tombs within the property may be carried out without prior permission obtained from the Museums Department and the investigations must be in accordance with the provisions of the Antiquities Protection Act.

(iv) Those parts of the boundary wall which were built without the necessary permit or not conforming to the approved permit shall be demolished at the expense of the owner. In the case that permission is granted by the Planning Authority for the erection of a new boundary wall this shall be constructed using traditional dry rubble methods and materials.

(v) Any interventions on the property which might be permissable according to the above must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the publication of this order.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — 3, Pjazza Kastilja — *Published by the Department of Information — 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*